MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru 2/2004

**Fl-atti tar-rikors fl-ismijiet:**

***Karim Barboush***

***v.***

***Kummissarju tal-Pulizija***

Il-Qorti:

Din hija decizjoni wara rikors intavolat mill-Avukat Generali fit-3 ta’ Novembru, 2004 fit-termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali, f’liema rikors qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Novembru, 2004 moghtija fl-ismijiet premessi li permezz taghha laqghet it-talba ta’ Karim Barboush – minnu maghmula skond id-disposizzjonijiet l-ohra tal-istess Artikolu 409A – ghall-helsien tieghu mill-kustodja.

Din il-Qorti semghet lid-difensuri ta’ l-imesmmi Karim Barboush kif ukoll lill-Avukat Generali fl-udjenza tal-bierah, 4 ta’ Novembru, 2004 u ezaminat ukoll l-inkartament tal-proceduri relattivi, u tosserva s-segwenti:

1. Il-fatti bazi f’dan il-kaz ma humiex in kontestatzzjoni. Is-Sur Barboush, li hu ta’ cittadinanza Iraqqina, instab li kien Malta illegalment f’appartament fi Triq Rodolfo, Tas-Sliema f’Awissu tas-sena l-ohra. Huwa kien ghalhekk immigrant ipprojbit fit-termini tal-Artkolu 5(1) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217). L-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni hareg ordni ta’ tnehhija fil-konfront tieghu fit-termini tal-Artikolu 14(1) tal-imsemmi Att, u Barboush ma appellax minn dak l-ordni quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Immigrazzjoni. Qabel ma t-tnehhija setghet, pero`, tigi effetwata Barboush applika ghal status ta’ rifugjat taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kap. 420). It-talba tieghu giet rigettata mill-Kummissarju ghar-Rifugjati fl-ahhar ta’ Frar ta’ din is-sena, u din id-decizjoni giet komumikata lilu fit-12 ta’ Marzu, 2004. Barboush appella minn din id-decizjoni b’ittra tal-15 ta’ Marzu, 2004 (fil-fatt l-ittra mibghuta mill-Avukat Dott. Andrew Galea Debono lill-Bord ta’ l-Appelli dwar ir-Rifugjati, li kopja taghha tinsab ezibita a fol. 73, iggib id-data zbaljata tal-15 ta’ Marzu 2003). Il-kaz tieghu ghadu pendenti quddiem l-imsemmi Bord ta’ Appelli. Nel frattemp huwa inzamm f’detenzjoni (gie rilaxxat biss in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Novembru, 2004 li qed tigi appellata mill-Avukat Generali quddiem din il-Qorti).

2. Barboush ipprezenta rikors skond l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali li fih hu allega li d-detenzjoni tieghu, ghalkemm setghet kienet legali fil-bidu, kienet issa seret mhux neccessarja, illegali u arbitraraja, u konsegwentement huwa talab ir-rilaxx tieghu b’effett immedjat. Il-Qorti Inferjuri laqghet it-talba tieghu, izda din id-decizjoni giet revokata fuq punt procedurali minn din il-Qorti b’decizjoni tas-27 ta’ Ottubru, 2004. Din il-Qorti regghet baghtet l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik tipprocedi skond il-ligi u cioe` wara li tkun semghet ukoll x’kellu xi jghid il-Kummissarju tal-Pulizija (li ma kienx gie avzat bis-smigh tar-rikors). Il-

Kummissarju tal-Pulizija huwa l-persuna li effettivament, fil-vesti tieghu ta’ Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni, kien qieghed izomm lil Barboush detenut. Bit-tieni decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) – id-decizjoni li issa qed tigi appellata mill-Avukat Generali – moghtija fit-2 ta’ Novembru, 2004, Barboush gie rrilaxxjat. Fil-parti decizjonali dik il-Qorti qalet hekk: *“Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5, 10 u 14 tal-Kapitolu 217, l-Artikoli 7, 8 u 10 tal-Kapitolu 420, u l-Artikolu 409A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilqa’ r-rikors u tiddikjara d-detenzjoni ta’ Karim Barboush illegali, u tordna r-rilaxx immedjat tieghu.”* L-Avukat Generali, f-appell tieghu tat-3 ta’ Novembru, 2004 qed jikkontendi bazikament li l-Qorti Inferjuri oltrepassat il-kompetenza taghha skond l-Artikolu 409A imsemmi, u li fit-termini ta’ l-imsemmi artikolu tal-ligi u fid-dawl ta’ disposizzjonijiet ohra tal-ligi, l-arrest u l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ta’ Karim Barboush ma kienux illegali.

3. Tajjeb ghalhekk li, qabel xejn, tigi ezaminata l-ligi. L-Artikolu 409A jipprovdi, fis-subartikolu (3) tieghu, li *“Jekk il-Qorti…jirrizultalha li l-kontinwazzjoni ta’ l-arrest tar-rikorrent ma tkun imsejsa fuq ebda disposizzjoni ta’ dan il-Kodici jew ta’ xi ligi ohra li tkun tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent, din ghandha tilqa’ r-rikors. Jekk ikun xort ohra il-Qorti ghandha tichad ir-rikors.”* Minn dan jidher car li l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll, wara kollox, il-kompetenza ta’ din il-Qorti -- il-Qorti Kriminali meta tigi adita taht is-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 409A -- hija wahda limitata: il-qorti trid tara biss jekk il-kontinwazzjoni ta’ l-arrest tkunx tista’ tigi bbazata ossia gustifikata fuq xi disposizzjoni ta’ ligi (*“…founded on any provision of this Code or of any other law which authorises the arrest and detention of the applicant…”* fit-test ingliz). Mhux il-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati jew tal-Qorti Kriminali li jaraw jekk, minkejja li hemm ligi cara li tawtorizza l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni, hemmx xi cirkostanzi ohra li jirrendu dik id-detenzjoni illegali, bhal, per ezempju, ghax dik il-ligi tkun tikkozza mal-Kostituzzjoni jew mad-disposizzjonijiet dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali mharsa mill-istess Kostituzzjoni, jew ghax tkun tikkozza mad-disposizzjonijiet tal-

Konvenzjoni Ewropea; jew jekk il-fatt tad-detenzjoni fih innifsu, u cioe` indipendentement mill-ligi li tkun tawtorizza dik id-detenzjoni, ikunx b'xi mod jilledi d-drittijiet fondamentali ta' dak li jkun. Ghal tali sindakar hemm proceduri ohra quddiem qrati ohra li huma vestiti bil-ligi biex jaghmlu proprju tali stharrig u, f'kaz li jsibu li hemm ksur ta' xi dritt fondamentali jew isibu li hemm malamministrazzjoni da parti ta' l-Ezekuttiv, jaghtu r-rimedju skond il-ligi. Ir-rimedju taht l-Artikolu 409A hu arginat mill-istess kliem adoperati mill-legislatur, u ebda qorti ma ghandha toltrepassa l-limiti tal-gusridizzjoni lilha konferita, ghax altrimenti jkun hemm kaos fis-sistema guridika.

4. Fil-kaz in dizamina, Barboush jinsab detenut in forza tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217 li jipprovdi li *"Malli ssir ordni bhal dik [ordni ta' tnehhija mill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni], dik il-persuna li kontriha ssir dik l-ordni ghandha tinzamm taht kustodja sakemm hija titnehha minn Malta…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-fatt wahdu li Barboush huwa wkoll persuna li qed jitlob ghal asil politiku ma jirrendix iz-zamma tieghu f'detenzjoni b'xi mod illegali: diversi disposizzjonijiet tal-Kap. 420, infatti, jaghmluha cara li "asylum seeker" jista' jkun jinsab Malta jew legalment jew illegalment u jista' jkun ghalhekk jew mhux detenut jew detenut – ara, per ezempju, l-Artikoli 8(2), is-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10, u l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 11. Ma gie b'ebda mod ippruvat li Barboush qed jinzamm arrestat ghal xi skop ulterjuri, ossia li *"…the detaining authority has misused its powers by acting in bad faith or capriciously or for a wrongful purpose, or [that] the decision is supported by no sufficient evidence or is one which no reasonable person could have reached in the circumstances"* [1]. Din il-Qorti b'ebda mod ma tista' tifhem l-argument ta' l-Qorti Inferjuri li d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 420 "huma superjuri" ghal dawk tal-Kapitolu 217 – tali superjorita` ma' tohrog minn ebda principju tal-ermenewtika legali li taf bih din il-Qorti.

[1] Ara **X v UK** A46 (1981) 4 EHRR 188, para. 56.

5. Stabbilit dan, din il-Qorti ma tistax, ghalhekk, ma tilqax l-appell ta' l-Avukat Generali. Il-konsiderazzjonijiet imsemmija fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Novembru, 2004 dwar l-allegat dewmien fil-kostituzzjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifugjati jezorbitaw kompletament mill-mansjoni kemm tal-ewwel qorti kif ukoll ta' din il-Qorti meta msejjhin biex jagixxu fit-termini tal-Artikolu 409A imsemmi. Din il-Qorti mhix injara ghal xi "sens ta' umanita` u ugwaljanza bejn il-bnedmin" – espressjoni, din, uzata mill-ewwel qorti fid-decizjoni taghha – izda kull qorti hi tenuta li timxi skond il-ligi, procedurali u sostantiva, u ghalhekk li ma torrogax poteri li m'ghandhiex.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba tar-rikorrent Avukat Generali, tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Novembru, 2004 u konsegwentement tordna l-arrest mill-gdid ta' Karim Barboush b'mod li tqieghdu fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel l-ghoti tad-decizjoni li qed tigi hawn revokata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------